# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Rennie Stivala u Arthur Mercieca)**

**vs**

**Spiridione Muscat**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Spiridione Muscat** ta' 63 sena detentur tal-karta tal-identita' numru 91854M fejn ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew maghmula b'riżoluzzjoni waħda:

> "1. Fis-17 ta' Mejju 2013 b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-

dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji oħra;

2. fis-26 ta' Frar 2013, bil-ħsieb li jwettaq frodi b'egħmil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta bidu għall-esekuzzjoni tar-reat ta' frodi billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għarnel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, prova jaqħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddiehor, ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro (€ 5,000) għad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji oħra, liema reat ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u ndipendenti mill-volonta tiegħu;

3. u aktar talli, f'dawn il-Gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, bi ħsara għall-ħaddieħor, għamel xi qligħ ieħor b'qerq qħad-dannu ta' diversi persuni u/jew kumpanijia ta' assikurazzjoni;

4. u aktar talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għall-ħaddieħor, f'xi dokument xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

5. u aktar talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għall-ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, jew xi qligħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hinn, jew għarraq b'xi mezz li jkun, ħwejjeġ tiegħu;

6. u aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġistrat Dottor Saviour Demicoli nhar is-26 ta' Mejju 2011 kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Frar 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

7. talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat li matul is-seduta tad-19 t'Ottubru 2016l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Noel Bianco tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda u senjatament : -

A. lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara illi –

1. Matul l-investigazzjoni l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija;
2. l-imputat pero kien involut f'żewġ ċirkostanzi li waslu għall-akkużi kontestestati lilu iżda li minnhom ibbenefika direttament billi rċieva tliet mitt euro (€300);
3. l-involviment tal-imputat kien wieħed relattivament marġinali.

B. Lid-Difiża li tenniet li : -

1. l-imputat kien irid iħallas lura lill-assukurazzjoni Thomas Smith l-ammont ta' disa' mitt euro li dawn kienu ħalsu;

2. għalkemm l-imputat ġie mixli b'reati differenti kien hemm lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu r-raba' u l-ħames imputazzjonijiet servew bħala mezz għall-fini sabiex ikunu jistgħu jitwetqu r-reati fl-ewwel tliet imputazzjonijiet;
3. l-aktar reat determinanti f'dan il-każ kien dak imsemmi fl-artikolu 295 u li kellu jitqies li r-reati l-oħra kienu mwetqa bħala mezz għall-fini li jitwettaq dan ir-reat;
4. li l-imputat huwa persuna anzjana maħkuma minn vulnerabilita finanzjarja li ma kellux l-istampa kollha ta' dak li terzi persuni kienu qegħdin idħaluh fih.

Rat li fid-dawl tat-trattazzjoni tal-partijiet il-Qorti ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-30 ta' Jannar 2017 il-Probation Officer Deborah Farrugia ippreżentat ir-rapport tagħha minn fejn jirriżulta li l-imputat kien kandidat idoneju sabiex iwettaq ordni ta' servizz fil-komunita', dment li tenut kont tal-eta tiegħu u tal-kundizzjoni ta saħtu huwa jkun l-ewwel nett eżaminat minn tabib u psikjatra sabiex ikun jista' jinstablu xogħol adattat għalih.

# ***DEĊIDE***

Li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 28A sa' 28H, 41(1)(a), 49, 188(2), 295, 308, 309, 310(1)(a)(b) (kif kienu qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-2014), fuq l-ammissjoni inkondizjonata tiegħu stess, qegħda ssib lil **Spiridione Muscat** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Kwantu għall-piena l-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(b)(h) tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' għoxrin xahar priġunerija. Rat l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk

iżjed ʼil quddiem imsejħa "ordni taʼ superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni tʼuffiċjal sorveljanti għal perijodu taʼ sentejn millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni taʼ superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi maʼ din is-sentenza u li fʼkaż li jonqos milli jikkonforma ruħu maʼ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew fʼkaż li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti fʼkaż taʼ nuqqas tʼadeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja taʼ din is-sentenza u tal-ordni taʼ superviżjoni bid-digrieti taʼ llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi taʼ Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1A) tal-Kodiċi Kriminali, bʼżieda mal-ordni taʼ supervizjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 saʼ 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet taʼ Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni taʼ servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li

jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 28G(8) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tiddikjara li spjegat b'mod ċar lill-ħati l-effetti ta' din l-ordni u tordna li notifika ta' din is-sentenza tiġi magħmula b'effett immedjat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

Inoltre, fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 28B(1)(2)(b) tal-Kodiċi Kriminali qegħda tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, magħdudin il-fatti tar-reati kommessi f'dan il-każ mar-reati li tagħhom l-imputat kien ġie misjub ħati u kundannat għall-piena ta' priġunerija sospiża permezz tas-sentenza imsemmija fis-sitt imputazzjoni, tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda sejra titratta mal-ħati billi skont l-Artikolu 28B(1)(2)(b) tal-Kodiċi Kriminali tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-Artikolu 28A(1) fis-sentenza imsemmija fis-sitt imputazzjoni billi minflok il-perjodu operattiv hemmhekk speċifikat qegħda tagħmel perjodu li jkun jiskadi fi żmien sentejn millum.

Inoltre, a tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tordna lil ħati sabiex iħallas lil Thomas Smith Insurance Agency Limited is-somma ta' disa mitt euro (€900) rappreżentanti l-ammont li kien ġie mħallas minn din il-kumpanija.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum 27 ta' Settembru, 2017, fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***